

# Presidenti taċ-Circolo Pio X u Aktar Tard is-Soċjetà Mużikali Madonna tal-Ġilju

| | | | |
|---|---|---|---|
| PAOLO CARUANA | 1911 - 1914 | MIKELANĠ BORG | 1947 - 1955 |
| KARMENU CARUANA | 1914 - 1920 | ANNUNZIATO ABDILLA | 1955 - 1964 |
| RAYMOND ELLUL | 1920 - 1939 | JULIO TANTI | 1964 - 1979 |
| ANTONIO CAMILLERI | 1939 - 1945 | JOSEPH ZAMMIT | 1979 – 1984 |
| EMMANUEL ELLUL | 1945 - 1947 | THADDEUS FARRUGIA | 1984 – ....... |

*Nota: Qabel l-1911 il-partitarji tal-Ġilju kienu jimmilitaw f'każini oħra li wħud minnhom kienu wkoll Preseduti mill-istess Paolo Caruana.*



## PAOLO CARUANA
## 1911 – 1914

Paolo Caruana magħruf bħala tal-Ave Maria twieled fis-16 ta' Awwissu 1867 iben Giuseppe u Gabriella née Ellul. L-ismijiet l-oħra mogħtija kienu Paulo, Vincenzo u Emanuel. Tgħammed mill-kappillan ta' dak iż-żmien Franġisku Vella. Il-ġenituri tiegħu li kellhom il-laqam "ta' l-Ave Maria" kienu tat-tajjeb bin-negozju tal-bhejjem. Insibu li anke kienu benefatturi tal-knisja parrokkjali tal-Imqabba u li fl-1913 ħallsu għall-irħam tal-altar tal-Viżitazzjoni ġewwa l-knisja.

Pawlu Caruana kien jinteressa ruħu fil-politika u ma kienx jara għajn ma' għajn ma' Dun Alfons, il-patri Franġiskan li qaleb qassis u sar ukoll Kunsillier tal-Gvern wara l-elezzjonijiet ġenerali. Pawlu mexxa kampanja qalila kontra l-proġett infrastrutturali li għamel Dun Alfons fuq il-Mentna. Is-Sur Pawl sostna li dan il-proġett kien wieħed egojistiku ta' Dun Alfons biex imur hu u xi erba' minn sħabu jpejjpu l-pipa fih. Tajjeb wieħed jgħid li dan il-post kien dominat minn l-istatwa tal-ġebel tal-Immakulata Kunċizzjoni kif ukoll salib tal-ħaġar li jfakkru t-twaqqif tal-Fratellanza tal-Immakulata Kunċizzjoni fl-1772 u l-aggregazzjoni tagħha ma' dik ta' San Lorenzo in Damaso fl-Italja fl-1775. Il-mossa ta' Dun Alfons dehret bħala "insolenza" għall-poplu Mqabbi u tal-Qrendi minħabba li "irrendeulna il Mentna, minn loc tad-devozioni, fi piazza". Is-saħħa li kellu Dun Alfons wasslet sabiex tgħaddi ta' rasu, u mhux biss, iżda anke jsemmi l-istess pjazza bħala 'Piazza Gubleo Diamante'.

It-tradizzjoni tgħid li Pawlu Caruana kien il-President tal-Casino San Giuseppe u anke tal-Każin Soċjali Santa Marija, u l-persuna li wara li rreżenja mit-tmexxija ta' dan il-każin fetaħ iċ-*Circolo Pio X*. B'hekk is-Soċjetà bdiet fuq bażi soda, kemm mill-aspett finanzjarju kif ukoll mill-aspett ta' tmexxija li għalija Caruana kien magħruf kemm f'Malta kif ukoll fit-Tuneżija.



## KARMENU CARUANA
## 1914 - 1920

Paolo Caruana kellhu ħuh Karmenu li ġie mgħammed mill-kappillan Franġisku Vella nhar is-26 ta' Marzu 1877, ġurnata biss wara jum twelidu. Kien proprju hu li ħa t-tmexxija taċ-*Circolo Pio X* fl-1914 wara Paolo, it-tnejn bil-laqam "tal-Ave Maria". Huwa kien miżżewweġ lil Kekina u kien piżatur pubbliku. Fost il-proġetti mnedija matul il-presidenza ta' Karmenu Caruana kien hemm spinta kbira lil armar. Saru l-puttini li oriġinarjament kienu jintramaw fit-Triq tan-Nofs u li wara l-1935 iddaħħlu fuq iz-zuntier tal-knisja. Dawn saru minn Karmnu Mallia (il-Lhudi) ta' Ħal Qormi b'finitura ta' Ġużeppi Farrugia (Żakkew) f'maħżen li kellu fi Triq il-Parroċċa. Dan kien parti minn proġett estensiv li ra lit-triq tan-nofs tintrama bi tnax-il trufin maħduma minn Lukardu ta' Nella u arkaturi tal-ħadid mixgħula bi brazzi tal-aċitilena u liedna tal-weraq.



## RAYMOND ELLUL
## 1920 - 1939

Raymond Ellul twieled fid-19 ta' Lulju 1885 iben Giovanni u Maria Ellul. Hu kien miżżewweġ lil Ġuditta Cassar mill-Qrendi. Minn dan iż-żwieġ kien hemm tliet ulied, iżda tnejn minnhom mietu sabiex l-uniku wild li għexet kienet bintom Julia. Ellul kien jaħdem ġewwa Kalafrana bħala ħaddied. Meta kien għadu ġuvni xtara dar fil-pjazza tal-Imqabba, il-lok numru 13, Pjazza tal-Knisja. Meta żżewweġ mar joqgħod B'Buġia u l-post tiegħu kien jintuża bħala każin. Kien membru fil-Fratellanza tal-Immakulata Kunċizzjoni. Fi kliem bintu, "il-każin kien l-ħena tiegħu". Kien jiġbor il-flus għal festa u jmidd idejh għal xogħol ta' armar, l-aktar tindif u żebgħa. Fi kliem bintu, "meta tersaq il-festa tkellmux". L-akbar proġett li sar taħt it-tmexxja ta' Ellul kien il-vara l-kbira li ġiet inawgurata fl-1922. Meta kiber fl-età tilef id-dawl u ħalla din id-dinja fl-1959 fl-età ta' 74 sena.



## ANTONIO CAMILLERI
## 1939 - 1945

Camilleri mexxa s-Soċjetà fi żminijiet mill-aktar diffiċli, matul it-Tieni Gwerra Dinjija li matulha l-Imqabba sofriet bil-kbir u anke n-niċċa tal-vara tal-Madonna tal-Ġilju intradment. Taħt Camilleri bdew l-ewwel ħidmiet biex titwaqqaf il-banda u anke inbidel l-isem tal-każin minn *The Lily Club* għal *The Lily Band Club*.



## EMMANUEL ELLUL
## 1945 – 1947

Eżatt wara l-gwerra t-tmexxija tas-Soċjetà Mużikali tal-Ġilju għaddiet f'idejn is-Sur Emanuel Ellul magħruf bħala 'l-Pakter'. Ellul kien l-organista tal-knisja parrokkjali tal-Imqabba u jieħu wkoll ħsieb it-tfal tal-kor tal-istess parroċċa. Kien hu li fis-sena 1944 beda jgħallem xi tfal sabiex iwaqqaf orkestra, idea li wara nbidlet minn Mro J. M. Bilocca għal dik ta' banda. Ellul kien dilettant kbir tal-kultura Taljana u kien anke jarma pjanu fuq vettura u jdur mal-lokalità jdoqq f'attivitajiet partikolari. Matul il-presidenza tiegħu il-każin waqqaf il-banda Lily u kien proprju hu li fid-9 ta' Diċembru 1945 ippresieda l-ewwel programm mużikali mill-istess banda diretta minn Mro Joseph Darmanin ġewwa l-pjazza tar-raħal. Hu kien imidd idejh ukoll biex jikkomponi xi xogħolijiet mużikali u fost il-kompożizzjonijiet mill-pinna ta' Emanuel Ellul insibu Marcia s-sinfonia *'Giglio tra le Spine'*. Fost il-marċi miktuba minnhu nsibu Festival, Blue March u Lily March. Kiteb xi xogħolijiet għal vuċijiet fil-knisja u fosthom insibu r-Responsorju *'Una Ora'*. Kien ukoll taħt il-presidenza tiegħu li l-każin xtara d-dar fil-pjazza mingħand Innoċenzu Ghigo, għal liema xiri ġew mislufa Lm700 mingħand l-istess partitarji, somma mhux żgħira għal dak iż-żmien.



## MIKELANĠ BORG
## 1947 – 1955

Mikelanġ Borg kien iben Francesco Saverio u Marianna neè Xiberras. Laħaq *shipwright* ġewwa t-Tarzna wara li segwa kors ta' apprentistat mal-Ammiraljat. Aktar tard inħatar skrivan wara li għadda minn eżami kompetittiv. Huwa serva għal żmien twil fil-Kumitat tac-*Circolo Pio X*, tant li nsibuh fir-ritratt tal-kumitat presedut minn Karmenu Caruana, u aktar tard serva fil-kumitat tal-*Lily Band Club*. It-Tieni Gwerra Dinjija ġabet daqqa ta' ħarta lil Mikelanġ għaliex fl-attakk tad-9 ta' April 1942 tilef lil martu Pauline. Serva ta' President tas-Soċjetà tal-Ġilju bejn l-1947-1955. Tul il-presidenza tiegħu kien hemm diversi kisbiet fostom l-irregalar ta' sitt standardi għal banda fl-1948, l-inawgurazzjoni tal-innu l-kbir fl-1949, l-parteċipazzjoni fl-Otto Settembre fil-Belt fl-1950 u r-riforma tal-istatut fl-1953.



## ANNUNZIATO ABDILLA
## 1955 - 1964

Annunziato Abdilla kien twieled fit-23 ta' Settembru 1918 iben Ġiovanni u Ġiuseppa neé Xuereb. Nhar il-Ħadd 9 ta' Ġunju 1940 iżżewweġ li Maria Concetta neé Mallia, u kellhom sitt ulied, tliet subien, żewġ bniet u tifla oħra li mietet. Hu daħal fl-Armata fit-23 ta' Mejju 1938 u kien suldat b'żewġ penzijiet stazzjonat il-Main Guard u kien jieħu sehem fic-*Changing of the Guard*. Kien ukoll ħa sehem fil-Parata tal-*Coronation Day* fl-Ingilterra. Annunziatio kien ukoll iħaddan talenti mużikali, u kien wieħed mill-ewwel bandisti mal-banda Lily minn taħt Mro Darmanin. Hu kien idoqq il-piatti. Wieħed mill-ewwel proġett li mbarka fuqu l-każin taħt it-treġija ta' Annunziato Abdilla kien il-bini ta' sala fuq il-maħżen tal-armar fi Triq Santa Katerina. Hemm hu ħadem il-palk u kellu rwol organizzativ qawwi fil-ħidma kollha teatrali. Dan kien ukoll iż-żmien li fih twaqqfet il-kumpanija teatrali tal-każin 'Golden Lilies'. Proġett ieħor kbir taħt it-tmexxija ta' Annunziato Abdilla kien il-bini u inawgurar tal-post tan-nar fl-1964. Huwa miet nhar it-Tlieta 14 ta' Jannar, 1964 meta kien għadu jservi bħala president tal-każin proprju ftit ġranet wara li kien għadu kif ġie imbierek u inawgurat il-post tan-nar.



## JULIO TANTI 1964 - 1979

Julio Tanti twieled l-Imqabba nhar l-20 ta' Lulju 1934, iben John u Karmena neè Ghigo. Beda jistudja l-mużika kif ukoll tagħlim f'suġġett akkademiċi taħt Mro Joseph Darmanin. Ta' 11-il sena ħareġ idoqq il-kwartin fl-ewwel programm tal-Banda Lily fid-9 ta' Diċembru 1945. Wara baqa' javvanza fl-istudji mużikali sakemm kiseb id-diploma fl-1953. Meta Mro Darmanin ħalla t-tmexxija tal-banda sabiex emigra lejn l-Awstralja, Tanti ħa f'idejh it-tmexxija tal-Banda Lily. Tanti ġie elett president tas-Soċjetà tal-Ġilju fl-1964 u baqa fit-tmexxija sal-1979. Kien żmien li fih il-każin reġa' rebaħ id-dritt li jarma r-raħal kollu, u wkoll li fih iċċelebra b'festi kbar iċ-ċentinarju mill-miġja tal-istatwa fostna. Julio Tanti hu miżżewweġ li Carmela miż-Żurrieq u għandu tliet itfal, Marthese, John u Charles. Sal-lum Julio jokkupa l-kariga ta' Surmast Onorarju u għadu jagħti l-appoġġ tiegħu fil-ħidma tal-banda.



## JOSEPH ZAMMIT 1979 - 1984

Joseph Zammit imwieled l-Imqabba, fil-15 ta' Frar 1946. Iben Alfred u M'Grazzia mwielda Bilocca. Miżżewweġ lil Maria nee' Farrugia. Missier ta' tlett ulied: Anita, Frida, u Sharon u nannu ta' sitt neputijiet. Fis-sena 1979 ġie maħtur president tas-Soċjetà Mużikali Madonna tal-Ġilju. Kien midħla tal-każin minn tfulitu u dejjem offra li jgħin fejn kien ikun hemm il-ħtieġa. Fis-sittinijiet kien involut fit-tmexxija tal-kumpanija teatrali "Golden Lilies", li attivitajiet tagħha kien joffru gost teatrali u ntrojtu ta' fondi b'risq is-soċjetà. Attività oħra li kienet ferm għal qalbu fis-sebgħinijiet kienet il-produzzjoni ta' biċċiet tan-nar tal-art. Zammit kien president meta ttieħdet id-deċiżjoni diffiċli li l-festa tiġi ttrasferita għal Ġunju minflok Mejju minħabba l-maltemp li f'ħafna snin ħarbat il-festa. Fis-sena 1984 kellu jħalli l-kariga ta' president minħabba li mar jaħdem il-Libja.


**C. Building Construction & Restoration**

**www.cvbrgroup.com**

*Kull xogħol ta' bini (ġdid u antik), alterazzjonijiet, bdil ta' soqfa u travi, conversions / restorations, tqegħid ta' garigori, taraġ bir-raġġ, kostruzzjonijiet ta' pools, basements, bjar, ġiebji, eċċ.*

123, Triq il-Kbira, Mġarr MGR 1117
Tel: 27525718 Mob: 793253235 Email: info@cvbrgroup.com



**THADDEUS FARRUGIA** **1984 –**

Teddy Farrugia huwa iben Innocenzo u Agnes Farrugia u twieled fit-18 ta' Marzu 1959. Ġej minn familja attiva ferm favur il-festa tal-Madonna tal-Ġilju u missieru kien kemm fratell kif ukoll wieħed mill-attivisti prinċipali tan-nar. Teddy ħa t-tmexxija tas-Soċjetà ta' età żgħira fl-1984 u sa issa ilu 27 sena fit-tmexxija. Dan jagħmlu l-aktar persuna li żamm din il-kariga fit-tul.

Matul dawn is-27 sena s-Soċjetà Mużikali Madonna tal-Ġilju inbidlet maż-żminijiet. Teddy daħal fil-kumitat fl-1978 u wara sitt snin inħatar President. L-ewwel sfida kienu l-festi tal-75 sena mit-twaqqif tas-Soċjetà li saru bil-pompa kollha. Immedjetament wasal il-premju tat-tiżjin tal-faċċata fil-Milied u t-twaqqif tal-ewwel sezzjoni żgħażagħ fl-1993. Fl-istess ħin sar ix-xogħol fuq il-planċier il-ġdid u l-bandalora u d-diversi impenji tal-banda barra minn xtutna. Matul dan il-perjodu, is-Soċjetà ippubblikat l-istorja tal-każin u l-banda u ttellgħa programm mużikali fl-Università ta' Malta. Minbarra li l-banda marret iddoqq diversi drabi barra minn Malta, inġabu wkoll baned barranin fil-festa tal-Ġilju. Innovita oħra kienet l-ewwel akkademja mużikali fil-knisja mill-banda Madonna tal-Ġilju f'Diċembru 1997 fl-okkażjoni tal-225 sena mit-twaqqif tal-Fratellanza tal-Immakulata Kunċizzjoni. Dan kien wieħed mill-avvenimenti b'xeħta kulturali, li mbagħad tkompla b'seminar marjoloġiku fl-2004 fl-okkażjoni tal-150 sena mid-definizzjoni tad-Domma.

Tul dawn is-snin kien hemm aġġornamenti u riformi kbar b'tibdil fl-istatut, twaqqif ta' sezzjonijiet diversi, rebħ ta' diversi unuri. Kien hemm ukoll leġislatura tal-Kunsill Lokali li fiha Teddy irrappreżenta lis-Soċjetà Mużikali tal-Ġilju wara vot popolari qawwi favur tiegħu. Mument emozzjonali għall-President tas-Soċjetà kienet l-udjenza mal-Papa Ġwanni Pawlu II f'Diċembru 2000 ġewwa l-Vatikan.

Fost l-proġetti ta' dawn l-aħħar snin kien hemm il-ftuħ tar-radju Tal-Ġilju FM, ir-rebħ tal-Festival nazzjonali tan-nar tal-art, u r-restawr tal-faċċata. L-aktar proġett reċenti u forsi l-akbar proġett imniedi s'issa taħt il-presidenza tas-Sur Teddy Farrugia hu t-twaqqiħ u l-bini mill-ġdid tal-każin.

Teddy hu miżżewweġ lil Julie u għandu żewġ ulied Julie u Christianne.

*Nota Editorjali: Riċerka għal dan l-artiklu saret minn Charles J. Farrugia BA(Hons), PG Dip Rect Mgmt, MA, MA(Lond). L-awtur irodd ħajr lil Joseph Farrugia, Sergio Grech, Maria Muscat, Lorenzo Zahra u l-Presidenti ħajjin u l-familji ta' dawk li m'għadomx magħna talli pprovdew l-informazzjoni.*


Ta' Maksar Contractors

Philip Agius & Sons Ltd.

- Excavation Works
- Plant Hire
- Road Works
- Civil Engineering Works
- Suppliers of Ready Mix Concrete
- Quality Bricks Manufacturers
- Suppliers of Building Materials

The Plant
Off Mdina Road,
Żebbuġ

Tel: 2146 5758
Fax: 2146 3835

e-mail: info@maksar.com